Ġona u l-Balena



Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

ĠONA U L-BALENA

Rashid Aħmad Cheedoo
Illustrazzjonijiet ta' R J Page

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

Jonah and the Whale
in Maltese Language

© Islam International Publication Ltd

Ippubblikat bl-Ingliż (2005)

Trodott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2016)

Pubblikazzjoni ta'

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

Mob: 00356 7932 0139 | Tele: 00356 2734 2401
Tele: 00356 2132 2105 | Fax: 00356 2732 2105
Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadiyyamalta.org
www.ahmadiyya.org.mt

ISBN: 1 85372 8918 (UK)
ISBN: 978-99957-59-13-1 (Malta)

Daħla

Dejjem ikun hemm il-bżonn li jitħejjew kotba għal tfal b'etajiet differenti ħalli jkunu jistgħu jintużaw fi skejjel ta' livelli differenti. Il-benefiċċju li t-tfal jiffamiljarizzaw ruħhom ma' ġrajjiet storiċi ta' età tenera huwa li l-għarfien jibqa' magħhom tul ħajjithom kollha.

Rashid Aħmad Cheedoo Saħib ħejja din is-sensiela ta' kotba għal dan il-għan. Nittamaw li t-tfal, il-ġenituri u l-għalliema japprezzaw u jibbenefikaw minn dan ix-xogħol. Jalla Alla jbierek lil Rashid Saħib għall-isforzi nobbli tiegħu.

Munir-ud-Din Shams
Additional Vakil-ut-Tasneef
Londra

Traduzzjoni bil-Malti:

Qegħdin nippreżentaw it-traduzzjoni bil-Malti ta' dan il-ktieb għall-qarrejja tagħna. Din hija l-ewwel edizzjoni ta' dan il-ktieb bl-ilsien Malti, ippubblikata fl-2016.

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

Introduzzjoni

L-għan ta' dan il-ktieb huwa biex jintroduċi lit-tfal mal-ġrajjiet tal-imgħoddi, kif imsemmija fil-Koran Imqaddes. Il-Profeti ta' Alla dejjem taw direzzjoni lin-nies u huwa ttamat li bir-rikordju tal-esperjenzi tagħhom skont il-Koran Imqaddes it-tfal ikunu mħeġġa li jiżviluppaw għarfien tat-tagħlim tal-Iżlam.

Dan il-ktieb huwa dwar Ġona u l-Balena. Jagħti l-punti ewlenin ta' x'ġara f'dan l-inċident partikolari u kif Alla għen 'il-profeta Tiegħu. Huwa indirizzat lill-udjenza ta' tfal żgħar bi stampi ċari u kkuluriti biex jattiraw l-interess tagħhom.

Madanakollu ta' min jinnota li l-illustrazzjonijiet użati f'dan il-ktieb huma l-impressjoni ta' artist u mhumiex intenzjonati li jkunu korretti fattwalment u jirrappreżentaw il-ġrajjiet storiċi proprja.

Ta' min josserva li l-qarrejja Musulmani għandhom jgħidu 'Il-paċi tkun fuqu' kull meta l-isem tal-Profeta Ġona jidher fit-test.

Rashid Aħmad Cheedoo

Ġona u l-Balena

Darba waħda kien jgħix profeta. Ismu kien Ġona.

Kien ikellem lin-nies dwar Alla iżda ma kinux jemmnuh.

Ma kinux iħobbuh u ma kinux jisimgħu minnu.

R.J.Page 04

Huwa qal lill-poplu tiegħu li jekk ma jsirux nies aħjar, Alla jikkastigahom. Ġara li, minħabba li huma ma semgħux minnu, Ġona ddispjaċieh ħafna u kellu rabja kbira minħabba l-poplu tiegħu u għalhekk iddeċieda li jitlaq.

Huwa mar fuq vapur, u waqt li kien fuqu, dan il-vapur sab ruħu f'diffikultà, għalhekk il-kru kellu jaqta' x-xorti.


RJ Page 04

Huma ddeċidew li l-persuna li titlef kellha tintefa' l-baħar. Ġona kien li tilef allura tefgħuh il-baħar.

Hekk kif spiċċa fl-ilma tfaċċat balena kbira li belgħetu.

Issa minħabba li Ġona kien profeta u kien jemmen tassew f'Alla, Alla żammu ħaj f'żaqq il-balena.


RJPage 04

Meta l-balena resqet viċin l-art ħassitha marida u Ġona nbeżaq minn ġol-balena għal fuq l-art.

Ġona ħassu ma jiflaħx u straħ fuq l-art fid-dell ta' pjanta tal-qargħa. Meta qaleb għall-aħjar, Alla qallu biex jirritorna lejn il-poplu tiegħu.

Imbagħad Ġona rrealizza li Alla ma kienx ikkastiga lin-nies għaliex dawn kienu warrbu l-vizzji tagħhom u emmnu dak li kien qalilhom Ġona. Alla kien kuntent bihom u ħadd aktar ma waqqa' lil Ġona għaċ-ċajt.


R.J. Robb 84

Referenza: Il-Koran Imqaddes Kap. 37: Vs. 140-149


Mosè
u t-Tnax-il
Għajn
Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta


Żakkarija
u t-Talba Tiegħu
Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta


Ġona u
l-Balena
Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

Stejjer Qosra
Edukattivi
Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

KLIEM
TA'GĦERF

ŻJARA
TAL-MOSKEA
Ahmad u Sara Jżuru l-Moskea

Festi u
Ċerimonji
Musulmani


IL-MOSKEA

Il-Ħlewwa mat-Tfal
tal-Qaddis Profeta[sa]

L-Etikett
tal-Ikel
Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

Id-Dinja
Tagħna

L-Eid ta' Rabia


Aħmad u Sara

This is the Maltese translation of the book "**Jonah and the Whale**" by Rashid Ahmad Cheedoo.

www.ahmadiyya.org.mt

9 789995 759131